

Brussell, 12 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)

12790/21

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0107(COD)

---

---

DRS 48  
COMPET 704  
ECOFIN 961  
FISC 162  
CODEC 1313

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 617 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjt minn ċerti impriżi u fergħat

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 617 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 617 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.10.2021  
COM(2021) 617 final

2016/0107 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**dwar**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u ferġat**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### 1. SFOND

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2016)0198 – 2016/0107(COD)):	13 ta' April 2016
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	29 ta' Settembru 2016
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	27 ta' Marzu 2019
Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	Mhux applikabbli
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	28 ta' Settembru 2021

### 2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta temenda d-Direttiva dwar il-Kontabilità (id-Direttiva 2013/34/UE). Hija għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku dwar it-taxxa fuq l-introjtu korporattiv imħallsa minn gruppi ta' impriżi multinazzjonali (li jikkonsistu fl-impriża omm apikali tagħhom, is-sussidjarji u l-ferġat tagħhom) u impriżi multinazzjonali awtonomi, minn hawn 'il quddiem imsejħa b'mod konġunt bħala "impriżi multinazzjonali", li jwettqu attivitajiet fl-Unjoni. Dan mistenni li jrawwem aktar responsabbiltà u trasparenza korporattiva, jippromwovi dibattitu pubbliku infurmat aħjar u jgħin liċ-ċittadini fl-Unjoni jerġgħu jiksbu l-fiduċja fil-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa nazzjonali.

### 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim politiku milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2021. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim jinkludu s-segwenti:

#### **Kamp ta' applikazzjoni**

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-ftehim politiku jintroduċi diversi bidliet meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni:

- Jistabbilixxi li l-obbligu ta' rapportar japplika biss meta l-kumpaniji jaqbz u l-limitu tad-dħul għal sentejn konsekuttivi (filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet sena).

Simmetrikament, l-obbligu ta' rapportar ma jibqax japplika biss meta d-dħul ikun ilu taħt il-livell limitu għal sentejn konsekuttivi;

- Jispeċifika t-tifsira ta' "dħul" skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, għall-fini li jiġi ddeterminat jekk impriża għandhiex tirrapporta;
- Fil-kamp ta' applikazzjoni jinkludi impriżi awtonomi li huma multinazzjonali iżda li mhumiex parti minn xi grupp;
- Dan jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni l-gruppi li mhumiex multinazzjonali.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim politiku jżomm il-proposta tal-Kummissjoni li timponi r-rappurtar fuq l-impriżi multinazzjonali bi dħul konsolidat li jaqbeż is-EUR 750 miljun. Tinżamm ukoll l-eżenzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw ir-reġim ta' rappurtar speċifiku tagħhom għal kull pajjiż.

### **Klawżola ta' salvagwardja**

Sabiex jiġi żgurat li l-ebda divulgazzjoni ta' informazzjoni ma tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali ta' impriża, tiddaħħal klawżola ta' salvagwardja, li tippermetti lill-impriżi multinazzjonali jħallu barra d-divulgazzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva għal perjodu ta' ħames snin.

### **Informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata, aggregazzjoni ġeografika**

Lil hinn mill-informazzjoni li l-Kummissjoni pproponiet li tiġi inkluża fir-rappurtar, il-ftehim politiku jeħtieġ informazzjoni kuntestwali addizzjonali bħall-isem tal-impriża omm apikali jew l-impriża awtonoma, is-sena finanzjarja kkonċernata, il-munita użata, u l-lista ta' sussidjarji stabbiliti fl-Unjoni u f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ta' impriża omm apikali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni, u b'hekk tiżdied it-trasparenza.

F'termini ta' preżentazzjoni ġeografika ta' din l-informazzjoni, il-ftehim politiku jibqa' sostanzjalment simili għall-proposta tal-Kummissjoni, inkluż fejn jintroduċi dipendenza fuq il-lista ta' ġurisdizzjonijiet imfassla mill-Kunsill fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (annessi rilevanti tal-konklużjonijiet tal-ECOFIN) minflok lista mfassla b'att delegat kif propost mill-Kummissjoni.

Il-Ftehim politiku jintroduċi dritt għall-impriżi li jikkonformaw parzjalment mal-istruzzjonijiet ta' rappurtar stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità għall-impriżi.

Filwaqt li jqis il-kontroll tal-kumpaniji omm fuq is-sussidjarji u l-fergħat tagħhom, il-ftehim politiku jimplimenta obbligu għal kull sussidjarja jew fergħa kbira fl-UE, li titlob lill-impriża omm apikali tagħha f'pajjiż terz biex tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex din tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha, f'każ li l-impriża omm ma tippubblikax diġà rapportar xieraq pajjiż b'pajjiż. Fejn mhux l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi pprovduta mill-kumpanija omm, is-sussidjarja jew il-fergħa fl-UE jkollha tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjt, li jkun jinkludi l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-entità omm apikali jew l-impriża awtonoma ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

## **Mudell komuni, rappurtar elettroniku**

Bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu diġitali ta' dan ir-rappurtar, il-ftehim politiku jintroduċi mudell komuni u formati li jinqraw minn magna, li għandhom jiġu stabbiliti fi stadju aktar tard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Il-ftehim politiku jippermetti lill-Istati Membri jagħtu aċċess għar-rappurtar fuq is-sit(i) web tar-reġistru/i nazzjonali tagħhom dment li dan ikun disponibbli mingħajr ħlas għal kull parti terza sitwata fl-Unjoni, u b'hekk jeħles lill-impriżi mill-obbligu li jagħmluh disponibbli fuq is-sit web tagħhom stess.

## **Ir-rwol tal-awdituri**

Il-ftehim politiku jispeċifika wkoll ir-rwol tal-awdituri statutorji, li jenħtieġ jiddikjaraw kull sena jekk impriża kinitx meħtieġa tippubblika rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, u jekk iva, jekk dak ir-rapport ġiex ippubblikat.

## **Implimentazzjoni mill-Istati Membri**

Il-ftehim politiku joffri perjodu massimu ta' tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ biex tiġi implimentata d-direttiva fil-livell nazzjonali, li huwa kemxejn itwal mill-proposta tal-Kummissjoni.

## **Klawżola ta' rieżami**

Minbarra l-proposta tal-Kummissjoni, il-ftehim politiku jispeċifika għadd ta' punti li għandhom jiġu rieżaminati u jsir rapport dwarhom mill-Kummissjoni, abbażi ta' perijodu ta' erba' snin wara d-data ta' traspożizzjoni stabbilita fid-Direttiva.

## **4. KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.